# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA　　STUDJI SOĊJALI (Option)　　ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________　　**Klassi:** ______________

**Taqsima A**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 40 kelma kull waħda.</u>**

"Ebda bniedem m'hu gżira". Il-bniedem irid jikkomunika ma' bnedmin oħra biex jitgħallem ***in-normi tas-soċjeta'*** li jgħix fiha. Il-***ħiliet komunikattivi*** tal-bniedem, bħall-ħiliet lingwistiċi jistgħu jiġu żviluppati biss f'kuntest ta' soċjeta'. Il-***proċess ta' soċjalizzazzjoni*** huwa l-aqwa mezz biex iseħħ dan l-iżvilupp u hekk il-bniedem ikun assigurat li jimxi man-normi tas-soċjeta'. Is-soċjalizzazzjoni isseħħ permezz ta' ***aġenziji ta' soċjalizzazzjoni*** u dawn kollha jittrasmettu ***valuri*** u normi.

(Adattata minn SEC 2004)

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:</u>**

1. Fisser il-frażi:- (a) in-normi tas-soċjeta'; (b) ħiliet komunikattivi; (ċ) proċess ta'soċjalizzazzjoni; (d) aġenziji ta'soċjalizzazzjoni; (e) valuri.
2. Semmi waħda mill-aġenziji ta' soċjalizzazzjoni u fisser ir-rwol tagħha.
3. Għaliex huwa importanti li bniedem jimxi man-normi tas-soċjeta'?
4. X' tagħmel is-soċjeta' ma' dak li ma jimxix man-normi tagħha?
5. X'differenza tgħaddi bejn soċjalizzazzjoni primarja u dik sekondarja?

**(5x5marki) Total 25 marka.**

**Taqsima B**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 40 kelma</u>**

Ix-xjenza soċjali taż-żminijiet tal-lum ma tagħtix definizzjoni waħda ta' familja. Soċjetajiet differenti għandhom strutturi differenti ta' familja b'valuri differenti. Hekk kif soċjeta' tinbidel minn waħda rurali għal dik industrijalizzata, tinbidel ukoll l-istruttura tal-familja. Minn waħda matrijarkali jew patrijarkali, u estiża issir waħda nukleari fejn il-ġenituri għandhom l-istess responsabbiltajiet.

1. X'differenza tgħaddi bejn familja estiża u familja nukleari? Saħħaħ it-tweġiba billi tagħti eżempji.
2. Għaliex fiż-żmien meta s-soċjeta' kienet għadha rurali kien hemm il-ħtieġa li l-familja tkun estiża u patrijarkali?
3. Fis-soċjeta' tal-lum x'tipi ta' familja nsibu? L-Istat Malti jirrikonoxxi d-differenzi fil-familji? Jekk iva x'tip ta' għajnuna jipprovdi lil dawn il-familji?

4. Il-Liġi tal-familja li ħarġet fl-1993 hawn Malta għenet biex il-familja saret aktar simetrika. Spjega kif il-familja saret aktar simetrika.

5. Ħafna jsostnu li l-mara li qed toħroġ taħdem qed tħalli effetti negattivi fuq il-familja. X'taħseb int?

**(5x5marki) Total 25 marka.**

**Taqsima Ċ**

Ħares lejn dawn il-figuri u wieġeb.

## Is-Sehem Ta' Oqsma Ekonomiċi

| | | | |
|---|---|---|---|
| Biedja u Sajd | Lm 24 miljun | Assikurazzjoni u Banek | Lm 57 miljun |
| Bini u Barrieri | Lm 25 miljun | Impriżi tal-Gvern | Lm 62 miljun |
| Manifattura u Tarznar | Lm 191 miljun | Amministrazzjoni Pubblika | Lm 117 miljun |
| Trasport u Komunikazzjoni | Lm 52 miljun | Propjeta' | Lm 58 miljun |
| Kummerċ | Lm 110 miljun | Servizzi Privati | Lm 74 miljun |

Miġbura minn *National Accounts of the Maltese Islands1992*

1. X'jirrappreżentaw dawn il-figuri? (marka)

2. Xi tfisser il-kelma ekonomija? (2 marki)

3. X'inhu il-GDP (Gross Domestic Product) u kif jitkejjel? (2, 1 marki)

4. Kemm hu l-GDP ta' Malta għal dik is-sena partikolari? (2 marki)

5. Liema huma t-tliet setturi ta' l-Ekonomija Maltija? (3 marki)

6. Mit-tabella liema settur jipproduċi l-aktar u liema settur jipproduċi l-anqas? Agħti r-raġunijiet għal dan? (1, 1, 3 marki)

7. Ikteb dwar settur partikolari u għid dwar l-importanza tiegħu għall-ekonomija Maltija, (4 marki)

**Total 20 marka.**

**Taqsima D**

Agħżel wieħed minn dawn u ikteb fit-tul f'madwar 400 kelma

1. Il-pluraliżmu huwa sinonimu mad-demokrazija. Iddiskuti.

2. In-normi u l-valuri huma parti integrali mill-proċess ta' soċjalizzazzjoni. Iddiskuti.

3. X'opportunitajiet jeżistu biex l-individwi jtejbu l-qagħda tagħhom fis-soċjeta'? Liema huma l-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-mobilita' soċjali?

4. Għaliex hemm bżonn ta' kontroll soċjali fis-soċjeta'"? **30 marka**